DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Mejju 2008

li temenda d-Deċizjoni 2006/133/KE li titlob lill-Istati Membri temporanjament biex jieħdu miżuri addizzjonali kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (the pine wood nematode) fir-rigward ta' żoni fil-Portugall, għajr dawk li fihom huwa magħruf li ma tinsabx

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1892)

(2008/378/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri ta' ħarsien kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/133/KE tat-13 ta' Frar 2006 li titlob lill-Istati Membri temporanjament biex jieħdu miżuri addizzjonali kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (the pine wood nematode – PWN)) fir-rigward ta' żoni fil-Portugall, għajr dawk li fihom huwa magħruf li ma tinsabx [2], il-Portugall ħa miżuri kontra t-tixrid tal-pine wood nematode.

(2) Il-Portugall bagħat rapport lill-Kummissjoni fil-11 ta' April 2008 dwar is-sejba ta' tifqigħat ġodda tal-PWN, wara investigazzjoni straordinarja mill-awtoritajiet Portugiżi flimkien ma' l-istħarriġ annwali, fil-parti tal-Portugall fejn s'issa huwa magħruf li l-PWN ma tinstabx.

(3) L-istħarriġiet obbligatorji annwali tas-snin ta' qabel ma kinux żvelaw dawn it- tifqigħat ta' l-aħħar ta' PWN fil-Portugall. Fid-dawl ta' din it-tifqigħa l-ġdida, huwa meħtieġ li l-Portugall iwettaq minnufih stħarriġ addizzjonali msejjes fuq ir-riskji fit-territorju Portugiż kollu kemm hu fuq il-bażi ta' pjan ta' stħarriġ approvat mill-Kummissjoni u li jressaq ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ lill-Kummissjoni hekk kif dawn ikunu disponibbli.

(4) Wara l-esperjenza ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti ta' emerġenza u t-tagħrif xjentifiku reċenti, huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri partikolarment effettivi fir-rigward ta' tifqigħat f'żoni fejn sa issa huwa magħruf li ma nstabitx il-PWN.

(5) Id-Deċizjoni 2006/133/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-*miżuri* stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/133/KE hija emendata kif ġej

(1) L-Artikolu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet annwali uffiċjali għall-PWN, fuq injam u l-qoxra tas-sigar u fuq pjanti suxxettibbli li joriġinaw fil-pajjiż tagħhom, biex jiddeterminaw jekk teżistix xi prova ta' infestazzjoni mill-PWN.

Bla ħsara għall-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2009/29/KE, ir-riżultati ta' stħarriġiet bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni kull sena sal-15 ta' Diċembru.

2. Flimkien ma' l-istħarriġiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Portugall għandu jħejji pjan ta' stħarriġ għat-territorju kollu Portugiż u jressqu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Dan il-pjan għandu jkun imsejjes fuq apprezzament tar-riskji u jqis it-tixrid ta' pjanti suxxettibbli fi ħdan it-territorju Portugiż. Fil-każ li l-pjan ta' l-istħarriġ ma jitressaqx sas-16 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/41/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 51).

[2] ĠU L 52, 23.2.2006, p. 34. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/340/KE (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 41).

Ir-riżultati ta' l-istħarriġ imwettaq fuq il-bażi ta' dan il-pjan għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra hekk kif ikunu disponibbli."

(2) Fl-Artikolu 5, it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Dik il-lista għandha tiġi aġġornata skond ir-riżulati ta' l-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 4 u skond is-sejbiet notifikati fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/29/KE."

(3) L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE qed tiġi emendata skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fit-tielet inċiż tal-punt 2(a)(iii) ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE, jiżdied it-tieni sotto-paragrafu:

"Madankollu, meta tiġi żvelata tifqigħa tal-PWN f'żona fejn huwa magħruf li ma tinstabx, dik iż-żona għandha tiġi demarkata (żona demarkata ġdida) u, għal perjodu ta' sena mid-data tas-sejba, pjanti bħal dawn f'dik iż-żona għandhom jiġu eżaminati fil-każijiet kollha meta qegħdin fil-parti taż-żona demarkata fejn tkun instabet il-PWN u, meta qegħdin fil-parti taż-żona demarkata bħala żona ta' lqugħ, jiġu ezaminati fuq il-bażi ta' teħid ta' kampjun rappreżentattiv. It-tieni u t-tielet sentenzi ta' l-ewwel sotto-paragrafu għandhom japplikaw."